# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-31 ta' Mejju, 2018.**

**Rikors Numru 738/2014**

**Joseph Camilleri (K.I. 644834 (M))**
**u martu Margaret Camilleri**
**(K.I. 337029 (M)) u l-istess Joseph**
**Camilleri bhala l-uniku eredi kif**
**sussegwentement trasfuz fl-atti**
**tal-mejta martu l-istess Margaret**
**Camilleri**

**vs.**

**K & K *Ventures Limited***
**(C – 35044)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 t'Awwissu 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti, *tramite* r-rikorrenti Joseph Camilleri, sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi r-rikorrenti *inter alia* xtraw l-arja minnhom indikata fl-istess rikors promotur minghand is-socjeta` intimata permezz ta' kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, datat il-11 t'Awwissu, 2011, (ara foll 1, foll 5 u foll 11 sa 13);

1.2. Illi permezz ta' kuntratt sussegwenti *in atti* tal-istess Nutar indikat fil-paragrafu precedenti datat it-12 ta' Dicembru, 2013, filwaqt li l-istess partijiet ghamlu referenza ghall-kuntratt hemm ukoll riferit, *inter alia* ftehmu li s-socjeta` tkun obbligata tibni l-imsemmija arja fi stat *shell* izda lest, inkluz l-arloggi tad-dawl u ilma, "*gypsum*", tibjid, art tac-ceramika, kamra tal-banju, bibien interni tal-injam, bieb ta' barra, u s-siggu ta' barra tal-elettriku, u ghalhekk rez abitabbli, u dan, mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 2014, pero` bis-siggu *de quo* mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru, 2014, (ara foll 15);

1.3. Illi fin-nuqqas taz-zamma tal-kundizzjonijiet indikati fil-paragrafu precedenti tiddekorri penali ta' hamsin euro, (€50.00), kull jum, (ara foll 15);

1.4. Illi permezz ta' kuntratt ulterjuri wkoll *in atti* tan-Nutar fuq gia` riferiti datat iz-19 ta' Mejju, 2014, l-istess partijiet ftehmu li s-socjeta` intimata tlesti wkoll l-"*intercomp*", hadid tal-kamra tal-banju, twahhil tal-accessorji tal-kamra tal-banju, l-loggja tal-hgieg, il-bieb tal-hadid fuq barra, u t-trasferiment tal-arloggi tad-dawl u ilma tal-istess fond hemm indikat, (ara foll 2 u 21 u 22 rispettivament);

1.5. Illi l-fond *de quo* ghad fadallu hafna xoghol biex jitlesta u sad-data tal-prezentata tal-istess rikors guramentat promotur l-istess fond ghadu mhux fi stat t'abitazzjoni, kif certifikat mill-perit involut, (ara foll 23);

1.6. Illi ghalkemm interpellata biex taqdi l-obbligi minnha assunti, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.7. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata kissret l-obbligi minnha assunti fil-kuntratti fuq indikati;

1.7.2. Tordna lis-socjeta` intimata biex fi zmien qasir u perentorju kif prefiss minn din il-qorti, tlesti x-xogholijiet kollha mehtiega fil-fond in dizamina, *Washington Heights*, Triq il-Leggenda, l-Mosta, biex jigi rez abitabbli mir-rikorrenti;

1.7.3. Illi fin-nuqqas, tordna lir-rikorrenti jigu awtorizzati jaghmlu l-istess xogholijiet a spejjez tas-socjeta` intimata, u dan, taht is-supervizjoni ta' perit nominat;

1.7.4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva lilhom dovuta bhala penali kif kalkolata bil-€50.00 kuljum mill-31 ta' Marzu, 2014, sad-data li fiha jkun lesta x-xoghol fil-fond in dizamina biex dan ikun rez abitabbli, u jekk ikun hemm bzonn tigi stabbilita data ghal dan bl-ghajnuna tal-istess perit nominat;

1.7.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 24);

3.0. Rat ir-risposta datata z-17 ta' Settembru, 2014, li permezz taghha s-socjeta` intimata rrispondiet ghat-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti, (ara foll 31):

3.1. Illi r-rikors promotur hu infondat *stante* li fil-kuntratt datat iz-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 21), ir-rikorrenti kienu ddikjaraw li x-xogholijiet kontemplati fil-kuntratti datati l-

11 t’Awwissu, 2011, (ara foll 5), u t-12 ta’ Dicembru, 2013, (ara foll 14), kienu tlestew a sodisfazzjon taghhom u li l-partijiet kienu ddikjaraw li ma kellhomx aktar pendenzi bejniethom;

3.2. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ma tistax tigi kkundannata taghmel xogholijiet *ai termini* tal-istess kuntratti;

3.3. Illi ghalhekk it-tielet (3) talba tar-rikorrenti hi manifestament infondata *stante* li l-kuntratt datat iz-19 ta’ Mejju, 2014, ma jipprovdi ghal ebda penali *stante* li r-rikorrenti kienu irrinunzjaw ghal kwalsiasi pretensjoni naxxenti miz-zewg (2) kuntratti fuq riferiti;

3.4. Illi rigward ix-xogholijiet elenkati mir-rikorrenti jinghad is-segwenti:

3.4.1. L-“*intercomp*” hu lest;

3.4.2. Il-bieb tal-hadid hu lest;

3.4.3. Il-loggja tal-hgieg tkun tista’ ssir wara li tinkesa il-faccata tal-blokk *de quo*;

3.4.4. Illi fir-rigward tal-arloggi tad-dawl u l-ilma jinghad li l-formalitajiet tlestew izda, peress li r-rikorrenti ghandhom xi arretrati t-trasferiment ma jistax isir;

3.4.5. Illi kull ma jonqos hu elementi tal-kamra tal-banju li s-socjeta` intimata lest li tirrimedja immedjatament;

3.5. Illi l-konnessjoni tas-sistema tad-drenagg tad-dar ma’ dik pubblika ma tiffigurax fost l-obbligi elenkati fil-kuntratt taz-19 ta’ Mejju, 2014, fuq indikat;

3.6. Illi ghalhekk din il-kawza saret inutilment;

3.7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.8. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, hatret lill-perit tekniku hemm indikat, (ara foll 42);

5. Rat ir-relazzjoni peritali datata t-13 ta' Mejju, 2015, (ara foll 70);

6. Rat id-digriet taghha datat l-10 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata, appuntat lill-Imhallef Supplenti hemm indikat biex jisma' x-xhieda tar-rikorrenti rikoverat f'dar tal-anzjani, (ara foll 120), liema inkarigu gie sussegwentement revokat ghar-raguni esposta fid-digriet taghha datat iz-19 t'Ottubru, 2016, (ara foll 135);

7. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu, wara rikors appozitu datat l-24 ta' Jannar, 2017, (ara foll 151), awtorizzat lis-socjeta` intimata tipprezenta risposta ulterjuri (ara foll 151 u 158);

8.0. Rat ir-risposta ulterjuri riferita fil-paragrafu precedenti datata l-1 ta' Frar, 2017, li permezz taghha sintetikament issollevat is-segwenti, (ara foll 160):

   8.1. Illi r-rikorrenti ma fadallhomx interess guridiku fl-azzjoni odjerna *stante* t-trasferiment tal-fond mertu tal-procedeura odjerna permezz ta' kuntratt datata it-22 ta' Settembru, 2016, in atti tan-Nutar Dottor Andre` Farrugia;

   8.2. Illi r-rikorrenti ma jistghux jrreklamaw penali wara l-kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti;

   8.3. Bl-ispejjez;

   8.4. Salv risposti ulterjuri;

9. Rat in-nota tar-rikorrenti Joseph Camilleri datata l-14 ta' Frar, 2017, li permezz taghha irtira t-tieni (2) talba minnu promossa *stante* li biegh il-fond meritu ta' din il-procedura bil-kuntratt fuq gia` riferit datat it-22 ta' Settembru, 2006, (*recte* 2016), u jzomm ferm l-ewwel (1) u t-tielet (3) talba tieghu, (ara foll 164);

10. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tar-

rikorrenti, hatret Imhallef Supplenti hemm indikat, (ara foll 168), liema inkarigu kien sussegwentement revokat rizultat tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-partijiet, (ara foll 169);

11. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat il-25 t'April, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati,  (ara foll 170);

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-18 ta' Lulju, 2017, (ara foll 171), flimkien ma' dik tal-intimati datata t-2 ta' Novembru, 2017, (ara foll 195);

13. Semghet ix-xhieda prodotta;

14. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

15. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jiddikjaraw li kienu qed jissottomettu ruhhom ghan-nota ta' sottomissjonijiet minnhom prezentata, (ara foll 202);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi l-fatti kif esposti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

16.1. Illi s-socjeta` intimata kellha tizviluppa kumpless t'appartamenti;

16.2. Illi permezz ta' kuntratt datat il-11 t'Awwissu, 2011, ir-rikorrenti xtraw minghand l-istess socjeta` l-arja fit-tieni sular mit-triq biex is-socjeta` intimata tibni "*penthouse*", (ara foll 5);

16.3. Illi l-kundizzjonijiet tal-bini jidhru elenkati fl-imsemmi kuntratt;

16.4. Illi biex jizguraw l-adezjoni daparti tas-socjeta` intimata ghall-kundizzjonijiet hemm pattwiti, l-partijiet ikkonkludew kuntratt iehor datat it-12 ta' Dicembru, 2013, (ara foll 14);

16.5. Illi fil-klawsola numru 'e' tal-kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti l-partijiet qabblu li fil-kaz li s-socjeta` intimata ma tlestix ix-xogholijiet indikati fl-istess kuntratt tibda tiddekorri kontriha penali ta' €50.00 ghal kull gurnata ta' ritard wara l-31 ta' Marzu, 2014, (ara foll 15), gurnata li fiha kellhom jitlestew ix-xogholijiet *de quo* u jgib il-fond *de quo* fi stat abitabbli;

16.6. Illi permezz ta' kuntratt iehor datat iz-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 21), il-partijiet iddikjaraw is-segwenti:

16.6.1. Illi x-xogholijiet pattwiti tlestew ghas-sodisfazzjon tar-rikorrenti;

16.6.2. Illi m'hemmx aktar pendenzi bejn il-partijiet kontraenti hawn kontendenti;

16.6.3. Illi jekk qatt seta' kien hemm xi pendenzi qed jirrinunzjaw ghalihom;

16.6.4. Illi r-rapprezentant tas-socjeta ` intimata obbliga ruhhu li l-istess socjeta` kellha tlesti x-xogholijiet specifici hemm elenkati, (ara foll 22);

17.0. Illi r-rikorrenti jallegaw li s-socjeta` intimata naqset:

17.1. Tlesti l-irqaqat pattwiti; u

17.2. Li thallas il-penali *de quo*;

18.0. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata sintetikament tirribatti li wara l-kuntratt tat-22 ta' Settembru, 2016, (ara foll 153):

18.1. L-ebda penali mhi dovuta;

18.2. Illi r-rikorrenti stess kienu irrinunzjaw ghal kwalsiasi penali li setghet tkun dovuta;

Ikkunsidrat:

19. Illi konsegwenza tal-bejgh tal-fond mertu tal-kawza mill-istess rikorrenti permezz tal-kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Andre` Farrugia, datat it-22 ta' Settembru, 2016, it-tieni (2) talba tar-rikorrenti giet irtirata minnhom, izda zammew ferm l-ewwel (1) u t-tielet (3) talba, (ara foll 164);

20. Illi ghalhekk, din il-qorti tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) talba tar-rikorrenti:

Ikkunsidrat:

21. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-kuntratt datat it-12 ta' Dicembru, 2013, (ara foll 15), li fil-klawsola 'c' tal-istess il-partijiet ftehmu s-segwenti:

> Il-Kumpanija tobbliga ruhha li tlesti l-imsemmija arja fi stat komplut cioe` *shell form* u *finished*, inkluz *meters* tal-dawl u ilma, cioe` gypsum u tibjid, art ceramika, kamra tal-banju, bibien interni tal-injam, twieqi, injam u bieb ta' barra li ghandu Guzeppi, siggu ta' barra tal-elettriku cioe` il-fond fi stat abitabbli u dan mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 2014, pero` s-siggu msemmi mhux aktar tard mit-tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax".

22. Illi fl-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti fil-klawsola 'e' tieghu ftehmu li:

> "Jekk l-imsemmija kumpanija ma tlestiex l-imsemmija xogholijiet sal-31 ta' Marzu, 2014, hlief ghas-siggu, tibda tiddekorri penali ta' hamsin ewro, (€50.00) ghal kull gurnata fil-morozita`";

23. Illi permezz ta' kuntratt sussegwenti datat iz-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 21), il-partijiet iddikjaraw li x-xogholijiet imsemmija fil-kuntratt precedenti, (ara paragrafu numru wiehed u ghoxrin, (21.), aktar qabel), kienu tlestew ghas-sodisfazzjoni tar-rikorrenti u li ma kienx hemm aktar pendenzi bejniethom, (ara foll 21);

Ikkunsidrat:

24. Illi in vista tal-premess allura ghandu jirrizulta pacifiku li x-xogholijiet ezegwiti qabel iz-19 ta’ Mejju, 2014, data tal-kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti, li jirreferu ghal dawk ix-xogholijiet elenkati fil-kuntratt datat it-12 ta’ Dicembru, 2013, (ara paragrafu wiehed u ghoxrin, (21.), aktar qabel u foll 15), ir-rikorrenti ma jistghux jitolbu b’success penali fir-rigward, u dan, *stante* li kienu huma stess li iddikjaraw li kienu sodisfatti minnhom;

Ikkunsidrat:

25. Illi jigi sottolineat li fl-elenku ta’ xogholijiet li kien ghad fadal x’isir kif jidhru fil-kuntratt taz-19 ta’ Mejju, 2014, (ara foll 22), jirrizulta li l-partijiet ma ftehmu fuq l-ebda penali;

26.0. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti m’ghandhom dritt ghal ebda penali, u dan, ghaliex:

26.1. L-ebda penali mhi applikabbli fuq ix-xogholijiet li saru qabel it-12 ta’ Dicembru, 2013, ghaliex dawn kienu sodisfacenti ghar-rikorrenti; u

26.2. Qatt ma giet stipulata penali fuq dawk ix-xogholijiet elenkati fil-kuntratt taz-19 ta’ Mejju, 2014;

Ikkunsidrat:

27. Illi mill-kuntratti in dizamina jirrizulta li l-intenzjoni tal-partijiet giet espressa b’mod car *stante* li x-xogholijiet li maghhom kienet marbuta l-penali huma specifikatament elenkati fil-kuntratt tat-12 ta’ Dicembru, 2013;

Ikkunsidrat:

28. Illi min-naha l-ohra, dawk elenkati fil-kuntratt taz-19 ta’ Mejju, 2014, ma jattiraw l-ebda penali;

Ikkunsidrat:

29. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **36**, ***Gaming Limited*** vs. ***Panavik Gaming Limited***, datata s-**27 ta' Gunju, 2017**, li tghid is-segwenti:

> "Hu ben risaput li abbazi tal-massima legali *pacta sunt servanda*, hu principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti illi l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat billi hu ligi bejn il-partijiet u kwindi, hi dik il-volonta` tal-kontraenti li ghandha tipprevali u tigi osservata";

30. Illi ssir referenza ukoll ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Mario Vella *et*** vs. **Malta *Industrial Parks Limited***, datata t-**30 ta' Settembru, 2014**, li fiha gie sottolineat is-segwenti:

> Fin-noti tieghu dwar id-Dritt Civili (1978 – Pg 287), il-Prof V. Caruana Galizia jghid:
>
> "*Contracts entered into according to law have the force of law with respect to the parties. They bind the parties reciprocally in the same way as the law binds all citizens. This principle is based on the theory of the autonomy of the will, which on its own creates rights and obligations ... (omissis).*
>
> *"Contract is therefore law for the parties, and just as a law may derogate another law, so may a contract, which may be considered as private law, derogate ordinary ordinary law: 'dispositio hominis tollit dispositionem legis'. The contracting parties may by their agreement, i.e. by the contractual rule established by them, derogate the legal rule, both by substituting another rule or by not substituting anything; and they may do so as long as the prohibition of the law, or public policy or morality is not an obstacle";*

31. Illi skont il-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Gloria mart Jonathan Beacom *et*** vs. l**-Arkitett u l-Inginier Civili Anthony Spiteri Staines** datata l-**5 t'Ottubru, 1998**:

> "Il-Principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa' dejjem dak il-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraent, kif espressa fil-konvenzjoni, li kellha tipprevali u trid tigi osservata. *Pacta sunt servanda*".

32. Illi s-sentenza tal-**Prim Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet *Is-socjeta` kummercjali* ***Malta International Airport p.l.c.*** vs. **Chev. Joseph M. Scicluna *et*** *proprio et nomine*, datata **d-9 t'Ottubru, 2003**, irrilevat li:

> "Il-principju *pacta sunt servanda* hu wiehed applikat rigorosament mill-qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istratt, l-istess kuntratt trid jigi esegwit miz-zewg nahat;

Ikkunsidrat:

33. Illi fir-rigward tal-ewwel (1) talba tar-rikorrenti, (ara foll 3), fejn ir-rikorrenti qed jitolbu li s-socjeta` intimata kisret l-obbligi minnha assunti fil-kuntratti fuq riferiti datati l-11 t'Awwissu, 2011, (ara foll 5), it-12 ta' Dicembru, 2013, (ara foll 14), u z-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 21), jinghad li fil-kuntratt taz-19 ta' Mejju, 2014 hawn indikat il-partijiet iddikjaraw li x-xogholijiet li saru sa dak il-mument partikolari kienu gew konkluzi u terminati mis-socjeta` intimata b'mod sodisfacenti, (ara foll 21);

34. Illi konsegwentement, din l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta parzjalment, u dan, fir-rigward tal-kuntratti datati l-11 t'Awwissu, 2011, u t-12 ta' Dicembru, 2013;

Ikkunsidrat:

35. Illi f'dan l-istadju hu issa pertinenti li jigi analizzat jekk is-socjeta` intimata lestietx ix-xogholijiet li intrabtet li tezegwixxi fil-

kuntratt taz-19 ta' Mejju, 2014, kif hemm espressament elenkati, (ara foll 22);

36.0. Illi f'dan ir-rigward tiddikjara li m'ghandiex alternattiva hlief li tirreferi u tistrieh fuq ir-relazzjoni tal-espert tekniku minnha nominat li indikat is-segwenti fil-konkluzjonijiet taghha, (ara foll 76):

36.1. "Illi ... kien jidher car li kien ghad hemm sensiela ta' xoghol li ma kienx tlesta ..."

36.2. Illi jirrizulta li ma tlestewx il-hadid; il-kamra tal-banju; ma twahhlux l-accessorji tal-kamra tal-banju; il-logga tal-hgieg; bieb tal-hadid fuq barra; u t-trasferiment tal-arloggi tad-dawl u l-ilma;

37. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Carmel Gauci vs. Neville Xuereb**, datata l-**31 t'Ottubru, 2017**, li rriteniet is-segwenti:

> "In linea ta' principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**Grima vs Mamo *et noe* – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998**);
>
> "Il-qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. (**Cauchi vs. Mercieca – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999** u "**Saliba vs. Farrugia**" – **Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000**).

> "Il-*giudizio dell'arte* espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti adizzjonali, jigi skartat facilment, *ammenokke`* ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – (**Bugeja et vs. Muscat *et* – Qorti tal-Appell – 23 ta' Gunju, 1967**)";

Ikkunsidrat:

38. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta mir-relazzjoni peritali u tiddikjara li qed tadottha u taghmilha taghha;

39. Illi konsegwentement, tiddikjara li s-socjeta` intimata kissret l-obbligi taghha minnha assunti fil-kuntratt fuq rilevat datat iz-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 21);

40. Illi in vista tas-suespost, l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti ghalkemm ghandha tigi akkolta fir-rigward tal-kuntratt datat iz-19 ta' Mejju, 2014, kif fuq intqal, ghandha tigi respinta fil-konfront tal-kuntratti datati l-11 t'Awwissu, 2011, (ara foll 5), u t-12 ta' Dicembru, 2013, (ara foll 14);

41. Illi pero`, in vista tas-suespost, dan il-ksur ma jfissirx li s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-penali kif mitlub mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

42. Illi in effetti, kif sottolineat aktar qabel, anke t-tielet (3) talba tar-rikorrenti, (ara foll 3), ghandha tigi respinta *stante* li l-partijiet in dizamina irrinunzjaw ghall-penali emananti mill-kuntratti fuq riferiti tal-11 t'Awwissu, 2011, u t-12 ta' Dicembru, 2013, u *nonostante* n-nuqqasijiet riskontrati fuq ix-xogholijiet elenkati fil-kuntratt datat iz-19 ta' Mejju, 2014, ma jirrizulta li hemm l-ebda klawsola pattwita bejn il-kontendenti fir-rigward tal-penali kif mitluba mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur;

Ikkunsidrat:

43.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqqsu li jippruvaw it-talbiet taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

43.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

43.2. Takkolji r-risposti kollha tas-socjeta` intimata inkluzi dawk kontenuti fir-risposta ulterjuri minnha inoltrata;

43.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**